MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1093/2003

**Andrew Frendo**

**vs**

**Maria Concetta sive Marica Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-30 ta' Mejju, 2003, fejn intalab illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas ammont likwidat minn dan it-Tribunal rapprezentanti danni sofferti mill-attur f'incident stradali li sehh nhar it-22 ta' Novembru 2002, f'San Giljan, fejn l-attur kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FHB 686, u l-konvenuta kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAB 106, liema ncident sehh unikament minhabba imperzja, negligenza, u non osservanza da parti tal-konvenuta.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Mejju, 2003 u bl-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fid-19 ta' Gunju, 2003 fejn intqal:**

**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-esponenti, izda gara unikament tort ta' Andrew Frendo is-sewwieq tal-mutur numru FBH 686, li dak il-hin kien qed isuq bi speed sperikolat u kontra r-Regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Illi ghar-rigward tal-ammont mitlub, l-esponenti qed jirriserva illi jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda ta' Andrew Frendo, Maria Concetta sive Marica Debono, PS 78 Joseph Cremona, Louise Pace. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kaz prezenti jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-22 ta' Novembru, 2002, ghall-habta tad-9p.m., f'San Giljan bejn il-mutur FBH-686 misjuq mill-attur u l-vettura tal-marka Maruti numru ta' registrazzjoni LAB-106 misjuqa mill-konvenuta.**

**2. Jirrizulta li l-attur kien miexi mid-direzzjoni ta' l-Imsida fid-direzzjoni ta' Paceville u kien diehel fil-mina li hemm fi Triq Regjonali. Mieghu kellu lil Louise Pace bhala passiggiera. Il-konvenuta kienet telghet it-tela' mid-direzzjoni ta' San Gwann.**

**3. Skond l-attur kien: "taht il-mina fuq in-naha tal-lemin, giet vettura li messitni…..". Jghid li malli laqtitu tilef il-kontroll, waqa u tkaxkar. L-attur jinsisti li l-konvenuta qabzet il-« continuous white line » u li din invadiet il-karreggjata tieghu. Rilevanti dak li qal l-attur li kien fit-tunnel meta ippruvat taqbzu.**

**4. It-Tribunal qed iqies bhala rilevanti hafna dak li xehed l-attur meta qal : « Jiena u gej lilha ma rajthiex. ». Jghid ukoll illi b'rizultat tal-kollizzjoni : « il-karrozza kellha xi girfa, *forsi*. » L-attur b'certezza jghid li qabel il-habta il-Maruti ma rahiex.**

**5. L-attur jghid li kien gja dahal fil-mina tul ta' cirka zewg karrozzi jew tlieta qabel ma gara l-incident.**

**6. Skond l-attur ir-rota ta' quddiem tal-mutur messet mal-genb tal-karrozza taghha bejn il-mudguard u l-bumper ta' wara.**

**7. Louise Pace, pillion rider mal-attur tikkonferma li kienu fil-karreggata ta' barra meta waslu hdejn il-mina, meta, skond hi, harget il-konvenuta mid-direzzjoni ta' San Gwann, qabzet il-« continuous white line » u giet fil-karregata taghhom. Aktar tard fil-kontro-ezami x-xhud tghid li fil-fatt ma rathiex hierga mid-direzzjoni ta' San Gwann, pero` kienet il-konvenuta stess li qaltilhom li kienet gejja minn dik id-direzzjoni. Skond ix-xhud, il-konvenuta laqtithom bil-bumper ta' wara taghha fuq ir-rota. Ix-xhud tghid ukoll li meta l-konvenuta qasmet ghal quddiemhom kienu boghod minnha tul ta' karrozza.**

**8. It-Tribunal innota li skond ix-xhud, l-attur kien ghaddej b'xi 20 jew 30kfs. It-Tribunal fir-rigward jirrileva li l-attur xehed li kien ghaddej b'xi 60kfs. Fir-rigward ta' dak li qed tghid din ix-xhud, it-Tribunal qed iqiesa fl-ambitu ta' hbiberija li din kellha mal-attur, u ftit li xejn affidabilita` jista' jaghti lix-xhieda taghha.**

**9. Il-konvenuta Maria Debono tikkonferma li giet mid-direzzjoni ta' San Gwann u harget ghal go Triq Regjonali, u li qasmet il-"continuous white line" biex marret fil-karreggata li taghti ghall-Paceville. Qabel ma hareg ghal go Triq Regjonali hi kienet waqfet fejn hemm "stop sign" u rat illi ma kienux gejjin vetturi. Xeghelet l-indicator tal-lemin biex turi li ser taqsam il-karreggata, imxiet u qasmet ghan-naha l-ohra u l-incident gara fil-mina. Il-konvenuta tghid li kienet gja sew fil-mina meta semghet il-hoss.**

**10. PS 78 Joseph Cremona li kien investiga l-incident jghid li il-konvenuta kienet qalet li ma laqtitx mal-attur. L-istess xhud jikkonferma li meta nvestiga l-vettura tal-konvenuta sab li ma kellha ebda hsara,**

**hlief « rubber mark » iswed fuq il-bumper ta’ wara in-naha tal-lemin, lejn it-tarf tal-bumper. Fir-rigward ta’ din il-marka, ghalkemm ix-xhud qal li dehret kompatibbli mar-rota tal-mutur, ma setghax jeskludi li l-marka saret b’xi hag’ohra. It-Tribunal ma jqiesx li hemm elementi sufficenti sabiex jwassluh ghall-konvinzjoni li fil-fatt din il-marka kienet tassew ikkawzata mill-mutur.**

**11. Mix-xhieda mismugha u minn valutazzjoni tal-fatti, it-Tribunal iqies illi l-attur kien ghaddej b’certa velocita, tenut kont tal-hin li kien, u cioe` li kien bil-lejl, u f’post li hu maghruf li jkun hemm traffiku. Hemm indikazzjoni li l-attur kellu certa ghaggla peress li ried imur ghax-xoghol. Mil-lat l-iehor il-konvenuta harget minn fuq stop sign, xeghelet l-indicator u qasmet il-continuous white line. Anke jekk il-manuvra tal-konvenuta ma kienet xejn felici, fis-sens li din qasmet il-linja il-bajda kontinwa, jidher li din ghamlet hekk meta kienet accertat ruhha li ma kienux gejjin vetturi. Apparti kwalunkwe azzjoni ghall-ksur tar-regolamenti li setgha kien hemm da parti taghha, dan ma jfissirx illi necessarjament hija kienet responsabbli ghall-incident li sehh.**

**12. It-Tribunal qed jaghti hafna piz ghall dak li qal l-attur meta dan ex admissis jghid li ma rahiex. L-attur lanqas biss ma nduna bil-konvenuta, u meta intebah jidher li kien tard wisq, u tenut kont li kien ghaddej b’certa velocita` tilef il-kontroll. Ma jirrizultax pero` illi hu tilef il-kontroll minhabba li mess mal-konvenuta. Anzi lanqas ma jirrizulta li mess maghha, hlief wara l-incident meta tkaxkar. Ma hemmx dubbju li l-attur ma kienx qed izomm « a proper look out » ghal vetturi li kien hemm fit-triq, u dana bil-lejl u meta kien ghaddej b’velocita`.**

**13. Ghalhekk it-Tribunal qed jasal ghall-konkluzjoni li tassew ma kienx hemm vetturi gejjin meta l-konvenuta harget minn fuq l-istop sign u bdiet miexja fid-direzzjoni tal-mina. Ma kienx hemm vetturi gejjin meta hi xeghelet l-indicator. L-attur kien gej b’velocita` tali, u b’certa non-curanza li lanqas biss ma ntebah biha. Fic-cirkostanzi il-konvenuta ma**

**tistghax tigi ritenuta responsabbli ghall-incident li sehh meta l-attur tilef il-kontroll tal-mutur.**

**Ghaldaqstant peress illi ma jirrizultax pruvat illi il-konveuta kienet tahti ghall-incident, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------